

## RETTIFIKA

**Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jstabilixxi regoli komuni dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 349 tad-29 ta' Diċembru 2009)

— Fil-paġna 10, l-Artikolu 17(1), ir-raba' subparagrafu:

*Minflok:* "Fil-każ taċ-ċaᅡga, l-offerenti tal-prezzijiet għandhom jiddikjaraw il-prezz ikkwotat skont l-Artikolu 16(5)(a) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(2), mogħti għal kull 100 kilogramma tal-prodotti tal-kwalità R3."

*aqra:* "Fil-każ taċ-ċaᅡga, l-offerti tal-prezzijiet għandhom jiddikjaraw il-prezz ikkwotat skont l-Artikolu 16(6)(a) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(2), mogħti għal kull 100 kilogramma tal-prodotti tal-kwalità R3."

— Fil-paġna 11, fl-Artikolu 22, l-ewwel paragrafu:

*Minflok:* "Fejn l-aġenziji tal-intervent jiġu offruti ċaᅡga fi kwantitajiet akbar minn dawk li jistgħu jaħżnu minnufih, jistgħu jillimitaw ix-xiri għall-kwantitajiet li jistgħu jaħżnu fit-territorju tagħhom jew f'wieħed mir-reġjuni tal-intervent tagħhom kif iddefinit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(5)."

*aqra:* "Fejn l-aġenziji tal-intervent jiġu offruti ċaᅡga fi kwantitajiet akbar minn dawk li jistgħu jaħżnu minnufih, jistgħu jillimitaw ix-xiri għall-kwantitajiet li jistgħu jaħżnu fit-territorju tagħhom jew f'wieħed mir-reġjuni tal-intervent tagħhom kif iddefinit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(6)."

— Fil-paġna 13, fl-Artikolu 28(1), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza:

*Minflok:* "Il-Butir għandu jiġi ppakkettat u mwassal fi blokko ta' mill-anqas 25 kilogramma netti f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-Parti IV tal-Anness IV."

*aqra:* "Il-butir għandu jiġi ppakkjat u kkonsenjat fi blokko ta' mill-anqas 25 kilogramma netti."

— Fil-paġna 13, fl-Artikolu 28(2), il-frażi introduttorja:

*Minflok:* "It-trab tal-ħalib xkumat għandu jitpoġġa f'boroż b'piż nett ta' 25 kilogramma netti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-Partijiet II u III tal-Anness V, u li fuqhom ikun hemm id-dettalji li ġejjin, fejn xieraq permezz ta' kodiċi:"

*aqra:* "It-trab tal-ħalib xkumat għandu jitpoġġa f'boroż b'piż nett ta' 25 kilogramma netti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-Parti V tal-Anness V, u li fuqhom ikun hemm id-dettalji li ġejjin, fejn xieraq permezz ta' kodiċi:"

— Fil-paġna 38, fl-Anness I, il-Parti X, il-punt 2:

*Minflok:* "2. **Il-kalkolu tat-tnaqqis**

It-tnaqqis, f'Euro, li għandu jiġi applikat għall-prezz ta' referenza, għandu jiġi kkalkulat skont il-formola li ġejja:

$$11 (P - 0,40)$$

$$100 - \left( \frac{3917 - (4,19 \times 1,0)}{3917 - (4,19 \times 0,30)} \times 100 \right) = 7,74 \%$$

$$\frac{7,74}{0,70} = \text{EUR } 11"$$

*aqra:* "2. **Il-kalkolu tat-tnaqqis**

It-tnaqqis, f'euro, li għandu jiġi applikat għall-prezz referenzjarju, għandu jiġi kkalkulat skont il-formola li ġejja:

$$11 (P - 0,40)"$$

— Fil-paġna 38, fl-Anness I, il-Parti X, in-nota tal-qiegħ (6), il-punti (d) u (e):

*Minflok:* “(d) Differenza, espressa f’punti perċentwali, bejn l-enerġija tas-sorgu metabolizzabbli mit-tjur li jkun fih 1,0 % tannin u l-enerġija ta’ sorgu metabolizzabbli mit-tjur bl-istess kontenut ta’ tannin bħal fil-kwalità standard (0,30 %);

(e) Tnaqqis korrispondenti għal 1 % ta’ kontenut ta’ tannin fil-materja niexfa, iżjed minn 0.30 %.”

*aqra:* “(d) Differenza, espressa f’punti perċentwali, bejn l-enerġija tas-sorgu metabolizzabbli mit-tjur li jkun fih 1,0 % tannin u l-enerġija ta’ sorgu metabolizzabbli mit-tjur bl-istess kontenut ta’ tannin bħal fil-kwalità standard (0,30 %);

$$100 - \left( \frac{3917 - (4,19 \times 1,0)}{3917 - (4,19 \times 0,30)} \times 100 \right) = 7,74 \%$$

(e) Tnaqqis korrispondenti għal 1 % ta’ kontenut ta’ tannin fil-materja niexfa, iżjed minn 0,30 %.

$$\frac{7,74}{0,70} = \text{EUR } 11”$$

— Fil-paġna 44, fl-Anness III, il-Parti I, il-punt 3(a), l-ewwel sentenza:

*Minflok:* “jitressqu, fejn xieraq, wara li jkunu tqattgħu fi kwarti bl-ispejjeż imġarrbin mill-parti konċernata, skont il-Parti V ta’ dan l-Anness għal dan ir-Regolament.”

*aqra:* “ippreżentati, meta approprijat, wara li jkunu tqattgħu fi kwarti bl-ispejjeż għall-parti fil-kwistjoni, skont il-Parti VI ta’ dan l-Anness.”

— Fil-paġna 57, fl-Anness III, il-Parti XI, il-punt 1:

*Minflok:* “1. L-aġenziji tal-intervent għandhom jiżguraw li l-laħam kopert b’dan ir-Regolament ikun imqiegħed u maħżun b’tali mod li jkun aċċessibbli faċilment u li jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-Parti IV, it-Taqsima VI, l-ewwel subparagrafu ta’ dan ir-Regolament.”

*aqra:* “1. L-aġenziji tal-intervent għandhom jiżguraw li l-laħam kopert b’dan ir-Regolament ikun imqiegħed u maħżun b’tali mod li jkun aċċessibbli faċilment u li jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-Parti IV, it-Taqsima VI, l-ewwel paragrafu ta’ dan l-Anness.”

— Fil-paġna 59, fl-Anness IV, il-Parti I, il-punt 1:

*Minflok:* “1. L-aġenzija tal-intervent għandha tixtri biss butir li jissodisfa r-rekwiżiti tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, tal-punti 3, 4, 5 u 6 ta’ din il-Parti u tal-Artikolu 28(1) ta’ dan ir-Regolament.”

*aqra:* “1. L-aġenzija tal-intervent għandha tixtri biss butir li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 10(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, tal-punti 3 sa 7 ta’ din il-Parti u tal-Artikolu 28(1) ta’ dan ir-Regolament.”

— Fil-paġna 59, fl-Anness IV, il-Parti I, il-punt 7:

*Minflok:* “7. Meta l-Istat Membru tal-produzzjoni jkun wettaq il-verifiki msemmija fil-punt 3 ta’ din il-Parti, iċ-ċertifikat għandu jkun fih ukoll ir-riżultati ta’ dawk il-verifiki u għandu jikkonferma li l-prodott konċernat huwa butir li jissodisfa r-rekwiżiti tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. F’dak il-każ, l-ippakkjar imsemmi fil-Parti VI(6) ta’ dan l-Anness għandu jkun issiġġillat permezz ta’ tikketta nnumerata maħruġa mill-entità kompetenti tal-Istat Membru tal-produzzjoni. Iċ-ċertifikat għandu jkollu fuqu n-numru tat-tikketta.”

*aqra:* “7. Meta l-Istat Membru tal-produzzjoni jkun wettaq il-verifiki msemmija fil-punt 3 ta’ din il-Parti, iċ-ċertifikat għandu jkun fih ukoll ir-riżultati ta’ dawk il-verifiki u għandu jikkonferma li l-prodott konċernat huwa butir li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 10(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. F’dak il-każ, l-ippakkjar imsemmi fl-Artikolu 28(1) ta’ dan ir-Regolament għandu jkun issiġġillat permezz ta’ tikketta innumerata maħruġa mill-entità kompetenti tal-Istat Membru tal-produzzjoni. Iċ-ċertifikat għandu jkollu fuqu n-numru tat-tikketta.”

— Fil-paġna 61, fl-Anness IV, il-Parti IV, it-tieni paragrafu:

*Minflok:* “Il-metodi ta’ referenza li għandhom ikunu applikati għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 213/2001 (ĠU L 37, 7.2.2001, p. 1) u 273/2008 (ĠU L 88, 29.3.2008, p. 1).”

*aqra:* “Il-metodi referenzjarji li għandhom ikunu applikati għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 273/2008 (ĠU L 88, 29.3.2008, p. 1).”

— Fil-paġna 62, fl-Anness IV, il-Parti V, il-punt 2, it-tieni paragrafu:

*Minflok:* “Kull kampjun għandu jkun eżaminat waħdu skont l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 278/2008. Ma jistgħux jittieħdu kampjuni mill-ġdid jew issir evalwazzjoni mill-ġdid.”

*aqra:* “Kull kampjun għandu jkun eżaminat waħdu skont l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 273/2008. Ma jistgħux jittieħdu kampjuni mill-ġdid jew li ssir evalwazzjoni mill-ġdid.”

— Fil-paġna 64, fl-Anness V, il-Parti I, il-punt 1:

*Minflok:* “1. L-aġenzija tal-intervent għandha tixtri biss trab tal-ħalib xkumat li huwa konformi mal-Artikolu 10(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, mal-punti 2 sa 5 ta’ dan l-Anness u mal-Artikolu 28(2).”

*aqra:* “1. L-aġenzija ta’ intervent għandha tixtri biss trab tal-ħalib xkumat li jkun konformi mal-Artikolu 10(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, u mal-punti 3 sa 6 ta’ din il-Parti u l-Artikolu 28(2) ta’ dan ir-Regolament.”

— Fil-paġna 64, l-Anness V, il-Parti I, l-aħħar żewġ paragrafi għandhom jiġu allinjati mal-punt 6 u jinqraw bħat-tieni u t-tielet subparagrafi ta’ dak il-punt, u fit-tielet subparagrafu tal-punt 6, l-ewwel sentenza:

*Minflok:* “Meta l-Istat Membru tal-manifattura jkun wettaq il-verifiki msemmija fil-punt 2 t’hawn fuq, iċ-ċertifikat għandu jkun fih ukoll ir-riżultati ta’ dawk il-verifiki u għandu jikkonferma li l-prodott ikkonċernat huwa trab tal-ħalib xkumat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 10(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.”

*aqra:* “Meta l-Istat Membru tal-manifattura jkun wettaq il-verifiki msemmija fil-punt 3 ta’ din il-Parti, iċ-ċertifikat għandu jkun fih ukoll ir-riżultati ta’ dawk il-verifiki u għandu jikkonferma li l-prodott konċernat huwa trab tal-ħalib xkumat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 10(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.”

— Fil-paġna 65, l-Anness V, il-Parti IV, fit-tabella, in-nota tal-qiegħ (2):

*Minflok:* “<sup>(2)</sup> In-nuqqas ta’ xorrox tal-butir tista’ tiġi stabbilita jew permezz ta’ spezzjoni fuq il-post tal-impjant tal-produzzjoni mwettqa mingħajr avviż minn qabel mill-inqas darba fil-ġimgħa jew permezz ta’ analiżi fil-laboratorju tal-prodott aħħari li jindika l-massimu ta’ 69,31 milligramma ta’ FEDP għal kull 100 gramma.”

*aqra:* “<sup>(2)</sup> In-nuqqas ta’ xorrox tal-butir jista’ jiġi stabbilit jew permezz ta’ spezzjoni fuq il-post tal-impjant tal-produzzjoni mwettqa mingħajr avviż minn qabel mill-inqas darba fil-ġimgħa jew permezz ta’ analiżi fil-laboratorju tal-prodott aħħari li jindika l-massimu ta’ 69,31 milligramma ta’ FEDP għal kull 100 gramma.”

---